**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 1829/01 AJD**

**Special Interest Travel Ltd.**

**vs**

**Incoming Travel Bureau Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Dicembru, 2001, fejn gie mitlub illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u hames liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm905.55), rapprezentanti prezz ta' biljetti ghax-show 'The Malta Experience'.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mil-1 ta' Gunju, 2001, kontra s-socjeta' konvenuta, ir-rapprezentant ta' liema socjeta' konvenuta fi proceduri gudizzjarji hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Wayne Pisani, ghas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u hames liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm905.55), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz tat-Talba, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**